MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 35/2006

Benny Vella u martu Mary Rose Vella .

Vs

Direttur Reġistru Pubbliku għal Għawdex .

Il-Qorti ;

Rat ir-rikors li permezz tiegħu l-attur wara li ppremetta illi :

1. Illi huwa, Benny Vella, twieled fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Jannar ta' l-elf disa' mija u tlieta u ħamsin (1953) liema twelid hu reġistrat fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku Victoria, Għawdex, permezz ta' l-att ta' twelid numru mija u sitta (106) ta' l-elf disa' mija u tlieta u ħamsin (1953) (Dok A) .

2. Illi dan l-att tat-twelid relattiv għat-twelid ta' l-attur Benny Vella huwa skorrett stante li fil-kolonna intestata 'Isem il-Wild' l-isem tiegħu jidher bħala Beninio

meta fil-fatt sa minn tfulitu l-attur kien minn dejjem magħruf anke uffiċċjalment bl-isem ta' 'Benny' kif anke jidher minn estratt tar-Reġistru elettorali hawn anness u mankat Dokument 'B' .

3. Illi l-attur irid li dan l-att ikun ikkoreġut, b'mod illi kull fejn fuqu jinkorri l-isem Beninio dan għandu jiġi kkoreġut u sostitwit bl-isem 'Benny' ;

4. Illi in oltre l-atturi żżewġu flimkien fit-tnejn u għoxrin (22) ta' April ta' l-elf disa' mija u tmienja u sebgħin (1978) u dan iż-żwieġ huwa reġistrat fir-reġistru Pubbliku għal Għawdex permezz ta' l-att taż-żwieġ numru sitta u sebgħin żbarra elf disa' mija u tmienja u sebgħin (82/1978) (Dok C) .

5. Illi dan l-att taż-żwieġ relattiv għaż-żwieġ ta' l-atturi huwa skorrett billi fil-kolonna intestata 'Isem u Kunjom' l-isem tar-raġel jidher bħala 'Beninju' meta dan fil-fatt kellu jkun 'Benny' .

6. Illi l-atturi jridu li dan l-att ikun ikkoreġut, b'mod illi kull fejn fuqu jinkorri l-isem 'Beninju' dan għandu jiġi kkoreġut u sostitwit bl-isem 'Benny' .

7. Illi dan ir-rikors qed jiġi kkonfermat bil-ġurament minn l-attur Benny Vella li għandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti li taw lok għal din il-kawża .

8. Illi l-atturi qegħdin jipproponu l-kawża tagħhom f'rikors stante l-identita' tal-provi illi għandhom jiġu prodotti fiż-żewġ każijiet .

Talab lill-konvenut jgħid għaliex ma għandhiex din l-Onorabbli Qorti :

1. Tiddikjara l-att tat-twelid numru mija u sitta (106) ta' l-elf disa' mija u tlieta u ħamsin (1953) fir-reġistru Pubbliku għal Għawdex relattiv għat-twelid ta' l-attur Benny Vella huwa skorrett fis-sens kif fuq spjegat .

2. Konsegwentement tordna l-korrezzjoni ta' l-Att tat-twelid numru mija u sitta (106) ta' l-elf disa' mija u tlieta u ħamsin (1953) relattiv għat-twelid ta' Benny Vella, billi kull fejn fl-imsemmi att jinkorri l-isem 'Beninio' dan għandu jiġi sostitwit u miktub 'Benny' .

3. Tiddikjara illi l-att taż-żwieġ numru sitta u sebgħin żbarra elf disa' mija u tmienja u sebgħin (76/1978) relattiv għaż-żwieġ ta' l-atturi huwa skorrett fis-sens fuq spjegat .

4. Konsegwentement tordna l-korrezzjoni ta' l-att taż-żwieġ numru sitta u sebgħin żbarra elf disa' mija u tmienja u sebgħin (76/1978) b'mod illi kull fejn fuqu jinkorri l-isem 'Beninju' dan għandu jiġi kkoreġut u sostitwit bl-isem 'Benny' .

Bl-ispejjeż kollha u bl-inġunzjoni tal-konvenut minn issa għas-subizzjoni .

Rat id-dokumenti esebiti ma' dan ir-rikors, u ċioe' bħala dokument 'A', ċertifikat tat-twelid, numru mija u sitta ta' l-elf disa' mija tliet u ħamsin (106/1953); bħala dokument 'B' estratt mir-reġistru elettorali; u bħala dokument 'C' ċertifikat taż-żwieġ numru sitta u sebgħin ta' l-elf disa' mija tmienja u sebgħin (76/1978) .

Rat ir-riferta pożittiva tal-konvenut, illi ġġib id-data tat-tnax ta' Ġunju 2006 .

Semgħet lill-attur f'seduta stante jikkonferma l-kontenut ta' dan ir-rikors, bil-ġurament tiegħu .

Il-Qorti, peress li jidhrilha illi t-talbiet huma ġustifikati, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi, u

1. Tiddikjara l-att tat-twelid numru mija u sitta (106) ta' l-elf disa' mija u tlieta u ħamsin (1953) fir-reġistru Pubbliku għal Għawdex relattiv għat-twelid ta' l-attur Benny Vella huwa skorrett fis-sens kif fuq spjegat .

2. Konsegwentement tordna l-korrezzjoni ta' l-Att tat-twelid numru mija u sitta (106) ta' l-elf disa' mija u tlieta u ħamsin (1953) relattiv għat-twelid ta' Benny Vella, billi kull fejn fl-imsemmi att jinkorri l-isem 'Beninio' dan għandu jiġi sostitwit u miktub 'Benny' .

3. Tiddikjara illi l-att taż-żwieġ numru sitta u sebgħin żbarra elf disa' mija u tmienja u sebgħin (76/1978) relattiv għaż-żwieġ ta' l-atturi huwa skorrett fis-sens fuq spjegat .

4. Konsegwentement tordna l-korrezzjoni ta' l-att taż-żwieġ numru sitta u sebgħin żbarra elf disa' mija u tmienja u sebgħin (76/1978) b'mod illi kull fejn fuqu jinkorri l-isem 'Beninju' dan għandu jiġi kkoreġut u sostitwit bl-isem 'Benny' .

Minħabba n-natura tal-kawża, u peress ukoll illi kienet laqgħet it-talba ta' l-attur li jipproċedi din il-kawża permezz ta' l-għajnuna legali, ma għandux ikun hemm spejjeż .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------